# MALTA

**ATT Nru. XXIX ta' l-1995**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, Kap. 254.**

**ACT No. XXIX of 1995**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Post Office Act, Cap. 254.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

24 ta' Novembru, 1995

**ATT Nru. XXIX ta' l-1995**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, Kap. 254.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Kap. 254.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Wara t-tieni proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda wkoll meta l-*Postmaster-Ġeneral* ikun sodisfatt li oġġett postali li jkun indirizzat lil persuna li jkollha jedd bil-liġi li tipprovdi servizzi ta' xandir bit-televiżjoni f'Malta ikun jikkonsisti f'materjal awdjoviżiv li jkun ġie impustat jew mibgħut bil-posta bil-għan biss li jixxandar fuq it-televiżjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir u ta' kull regolament magħmul jew liċenza maħruġa taħt dak l-Att, hija għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att, tikkonsinna dak l-oġġett postali lil min ikun indirizzat mingħajr ebda eżami jew ċensura oħra.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 476 tal-21 ta' Novembru, 1995.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

24th November, 1995

## ACT No. XXIX of 1995

*AN ACT to amend the Post Office Act, Cap. 254.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Post Office (Amendment) Act 1995, and shall be read and construed as one with the Post Office Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 254.

**2.** After the second proviso to subsection (1) of section 27 of the principal Act there shall be added the following proviso: Amendment of section 27 of the principal Act.

"Provided further that when the Postmaster General is satisified that a postal article addressed to a person legally entitled to provide television broadcasting services in Malta consists of audiovisual material which has been posted or sent by post only for the purpose of its being broadcast on television according to the provisions of the Broadcasting Act and of any regulations made or licence issued thereunder, he shall, notwithstanding the provisions of this section and of section 26 of this Act, deliver such postal article to the addressee without further examination or censorship.".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 476 of the 21st November, 1995.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c — *Price 4c*